**KunsillLokali –ISLA– Local Council**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali ISLA

# ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 13

21 **t' April 2020**

Il-Kunsilli Lokali Isla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2/4, Triq San Ġużepp L-Isla, ISL1229, fis- 1:00pm.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Clive Pulis - | Sindku |
| Anthony Bonavia - | Viċi Sindku |
| Joline Attard - | Kunsilliera |
| Malcolm Gatt - | Kunsillier |
| Corinne Buhagiar - | Kunsillier |

**ASSENTI B'APOLOĠIJA ( Skont Ordni Permanenti 14A (3) ):**

NIL

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Graziella Gellel –Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**
Is-Sindku Clive Pulis ippresjeda din is-seduta Nru 13 għad-disa' leġislatura onlajn fuq join meeting

| | |
|---|---|
| **13.1** | **Qari tal-ittri ta' apoloġiji** |
| | Ma kienx hemm. |
| **13.2** | **Kunsiderazzjoni u Approvazjoni tal-Minuti** |
| 13.2.1 | Kopja tal-Minuti tas-seduta numru 12 tqassmet lill-kunsilliera permezz ta' imejl u s-segretarju eżekuttiv infurmat lil kunsilliera li min irrid kopja stampata jinforma lis-segretarju eżekuttiv u tistampalu kopja. Il-minuti mhux qed jiġu stampati għall kull kunsilliera sabiex il-kunsill lokali tal-Isla jieħu ħsieb aktar l-ambjent. Il-Kunsilliera qablu dwar dan. |
| 13.2.2 | Il-Kunsilliera preżenti irċievew il-minuti tas-Seduta Numru 12, fejn ma kienx hemm korrezzjoni. Il-Minuti numru 12 ġew approvati mil-kunsilliera Corinne Buhagiar u ġew issekondti mil-kunsillier is-Sur Malcolm Gatt. |
| **13.3** | **Kommunikazzjoni mis-Sindku** |
| 13.03.01 | Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv talbu lil ELC sabiex jibgħatulna rendikont tax-xogħol li sar minn Settembru 2019 sa Frar 2020. Is-Sindku informa lil kunsilliera li kellu laqgħa ma ta' L-ELC fejn daru maż-żoni fejn irrid jissaqa u jinżabar. |
| 13.03.02 | Iis-Sindku ikkomunka mal-kunsilliera preżenti li wara li ġie innotifikat mill-puluzija sabiex dgħajjes li kienu ta żgombru u mitluqgħin jiġu imneħħija min fuq il-bankina, il-kunsill flimkien mal-Cleansing Department neħħew dawn id-dgħajjes. |
| 13.03.03 | Is-Sindku ikkomunika li trid tinħareġ tender għall ''Greening Urban Areas Project " għalhekk għall dan il-proġett xtaq li jiġi diskuss minn esperti fil-pjanti u issuġġerixa li jkunu Anna Spiteri, Chris Cousin u Robert Formosa f'dan il-bord qabel ma tinħareġ it-tender. Il-Kunsilliera preżenti qablu dwar dan. |
| 13.03.04 | Is-Sindku ikkomunika mal-kunsilliera preżenti li jrid jiltaqa' bord sabiex issir l-evalwazzjoni ta CCTV cameras fil-pjazza għalhekk issuġġerixa li is-Sur Adrian Falzon, is-Sinj. Elaine Caruana u is-Sinj. Romina Perici Ferrante jkunu fil-bord ta' l-evalwazzjoni. Il-Kunsilliera qablu ma dan il-bord. |

| | |
|---|---|
| 13.03.05 | Is-Sindku informa lil kunsilliera preżenti li jixtieq li issir Banner fid-daħla tal-Isla bħala sinjal ta' kuraġġ għar-residenti tal-Isla biex jibqgħu ġewwa f'dan il-mument diffiċli. Il-Kunsilliera preżenti qablu dwar dan. |
| 13.03.06 | Is-Sindku ġab kampjun ta kuluri sabiex tinżebaħ il-letrina tax-xatt minbarra, griż skur u griż ċar, il-kunsilliera qablu ma dawn il-kampjuni ta' kuluri biex il-ħitan tal-letrina jinżebgħu dak il-kulur. |
| 13.03.07 | Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv infurmaw lil kunsilliera li l-evalwazzjoni tal-cameras ser issir fit-23 t' April 2020 onlajn permezz tal-*Join Meeting*. Is-sejħiet għal-kwotazzjonijiet għalqu fis-7 t' April 2020 fid-9:30am. |
| 13.03.08 | Is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet għal-kwotazzjonijiet sabiex jinxtara lap top sabiex jintuża mill-accountant li dan jiswa bejn €899 u €1099, il-kunsilliera preżenti qablu dwar ix-xiri ta' dan il-lap top. |
| 13.03.09 | Is-Segretarju Eżekuttiv ikkanċlat il-wardens li ġew assenjati sabiex waqt l-attivitajiet tal-Gimgħa l-Kbira u l-Għid il-Kbir ikun hemm aktar sigurta' peress minħabba iċ-ċirkostanzi tal-Covid tħassru l-attivitajiet. |
| 13.03.10 | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil kunsilliera li fil-25 ta' Marzu 2020 Intbgħatet imejl bl-ammendi lil Perit Luigi Fenech sabiex jiċċertifika il-BOQ għad-direct Order tal-Pjazza 4 ta' Settembru. |
| 13.03.11 | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li fil- 25 ta' Marzu 2020, is-Sinj. Maria Charmain Vella mill-PA ikkonfermat li l-plakka li trid issir fi Ġnien il-Gardjola dwar tisbieħ tal-Ġnien il-Gardjola fil-bankijiet u lampi sar mill-fondi tal-PA, sabiex b'hekk il-kunsill ikun jista' japplika għal-rimbursar tal-fondi mill-PA. |
| 13.03.12 | Is-Segretarju Eżekuttiv ikkomunikat mal-kunsilliera preżenti li ordnat it-tabella ta' l-isme tat-Triq Misraħ 4 ta' Settembru minn għand Alka Ceramics. Il-Kunsilliera qablu dwar din l-ordni. Kif ukoll is-segretarju eżekuttiv ordnat il-partition minn għand l-Alu Age wara li inġabru kwotazzjonijiet sabiex tinħadem din il-partition sabiex isservi kemm tas-sigurta kif ukoll minħabba l-imxija tal-virus Covid 19. |
| 13.03.13 | Is-Sindku ikkomunika mal-kunsilliera fejn fl-14 t' April 2020, AX Construction ħadu t-tender tad-daħla tal-Isla u x-xoghol ser jibda fis-27 t' April 2020 fejn ser jibdew billi jagħmlu l-iscaffolding min-naħa ta' Palombo u jpoġġu l-containers fil-parkeġġ ta' quddiem Sheer Bastion. Dan ix-xogħol għandhom it-target date sabiex jitlesta x-xoghol fi zmien 32 ġimgħa ( 8 xhur ). |

| | |
|---|---|
| 13.03.14 | Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv infurmaw il-kunsilliera dwar tenders:<br><br>Mixed House hold waste ser johrog l-avviz nhar it-Tlieta 28 t' April 2020.<br><br>Street Sweeping irrid jiġi evalwat.<br><br>Contracts Manager – l-evalwazzjoni ser issir 23 t' April 2020<br><br>Ser tiġi imtella fuq is-sit tal-EPPS il-kwotazzjoni għall- CCTV li trid tigi evalwata u niffisaw data u min ser jieħu hsieb din l-evalwazzjoni<br><br>Dwar id-Direct Order is-sindku u s-segretarju eżekuttiv tkellmu mas-Sinj. Marica Axiaq u l-proposta qeda f'idejn il-Ministru fejn qed nistennew l-approvazzjoni minn għandu.<br><br>Dwar il-kwotazzjoni għal- Open Gym is-Sur Svetlick Flores ser joħroġ din il-kwotazzjoni għall-fuq l-EPPS skond il-BOQ tal-perit u wara tinħareġ kwotazzjoni oħra għall-play area għaliex s'issa għad m'hemmx il-permess mill-PA sabiex issir din il-play area.<br><br>Dwar il-proġett tan-niċċa tal-Porto Salvo il-Perit Nola ser tapplika għal dan ir-restawr għaliex irrid jinħareġ permess minn għand perit tal-heritage. |
| 13.03.15 | Is-Sindku kellem lil kunsilliera dwar il-fondi tal-irrigazzjoni li jammontaw madwar €2800 li b'dawn il-fondi saru l-irrigazzjoni fil-ġnien tal-gardjola. Is-segretarju eżekuttiv ħadet ħsieb li tibghat l-irċevuti u d-dokumenti meħtieġa lil Dorianne Diacono tax-xogħol li sar. |
| 13.03.16 | Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat lil kunsilliera li qed tagħmel korrespondenza mas-Sur Enzo Cachia tal-P.A. dwar ix- xogħol li sar ta tisbieħ fi Ġnien il-Gardjola sabiex tibgħat l-irċevuti u payment vouchers lil PA biex il-kunsill jiġi rifondut tal-ispiża ta dan ix-xoghol tal-bankijiet u d-dawl fi Ġnien il-Gardjola. |
| 13.03.17 | Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv ikkomunikaw mas-Sur Enzo Cachia dwar il-Fondi tal-UIF sabiex jiġu utiliżati għal-grawnd iżda peress li għaddejjin ħafna tenders u sabiex ma jkunx hawn ħafna truf ta' tenders, kif jiġu aġġudikati it-tenders li hemm pendenti naħdmu sabiex jiġi irranġat il-grawnd tal-futbol. |
| 13.03.18 | Is-Sindku spjega lil kunsilliera preżenti li l-perit Amanda De Giovani bagħtet imejl dwar il-periklu li hemm fil-ħajt minn Triq is-Sur quddiem in-niċċa tad-Duluri għalhekk jekk jaqblu tkun tista toħroġ il-permess ta' scaffolding sabiex jitranġa l-ħajt mill-periklu. Il-Kunsilliera qablu dwar dan. |

| | |
|---|---|
| **13.4** | **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera** |
| 13.4.1 | Ma kienx hemm |
| **13.5** | **Rapporti** |
| 13.5.1 | Is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet l-Audit Financial Statements lil kunsilliera kollha permezz ta' imejl bi qbil mal-kunsilliera sabiex nieħdu ħsieb l-ambjent u nevitaw li nipprintjaw karti. Dan ir-rapport ġie diskuss waqt il-laqgħa nru 13. Il-Kunsillier Malcolm Gatt u l-Kunsilliera Joline Attard approvaw dan ir-rapport. Is-Segretarju Eżekuttiv Graziella Gellel u s-sindku Clive Pulis iffirmaw ir-rapport l-Audit Financial Statements. |
| 13.5.1 | Is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet ukoll ir-rapport ta' l-ewwel kwart għas-sena Jannar sa Marzu 2020 għall-approvazzjoni tal-kunsill, is-Sur Anthony Bonavia approvah u is-Sur Malcolm Gatt issekondah. |
| 13.5.2 | l-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda rapport tal-*Purchase Order* għax-xahar ta' Marzu u t' April 2020 kif ukoll rapport tal-*Petty Cash* ta' Marzu u t' April 2020 fejn ġew approvati mill-kunsillier Malcolm Gatt u s-sekondat mis-Sinj. Corinne Buhagiar. |
| **13.6** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti** |
| 13.6.1 | Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda tal-Kunsill skeda ta' pagamenti, skeda Nru 4/2020 għall-approvazzjoni. |
| 13.6.2 | Fuq mozzjoni tal-Kunsillier is-Sur Malcolm Gatt issekondata mill-kunsilliera is-Sinj. Corinne Buhagiar approvaw il-pagamenti inklużi fl-iskeda ta' pagamenti li hi annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti. |
| **13.07** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.** |
| **13.07.1** | Is-Seduta ntemmet fis-2:30p.m. wara li ġiet eżawrita l-aġenda u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 19 ta' Mejju 2020 fil-5:30p.m onlajn fuq join meeting. |

Konfermati, illum 19 t' Mejju 2020

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Clive Pulis | Graziella Gellel |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |